MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2384/1997/1

**Pier Giorgio Buttigieg**

**v.**

**Cheryl Buttigieg f'isimha proprio**
**u ghan-nom ta' binhom Pier Luigi Buttigieg**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fis-17 ta' Ottubru 1997 Pier Giorgio Buttigieg ("l-attur/l-appellat")ipprezenta citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim

Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu Cheryl Buttigieg ("il-konvenuta/l-appellanti") minhabba htija da parti tal-konvenuta. Huwa talab lil dik il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri f'idejn il-konvenuta, bi dritt ta' l-access ghall-attur fil-hinijiet li jigu stabbiliti minn dik l-istess Qorti. Huwa talab ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta kif ukoll diviza bejn il-kontendenti, b'mod li jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 56 sa 59 tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta.

2. Fl-4 ta' Dicembru 1998, il-konvenuta ikkontestat il-kawza kemm b'nota ta' eccezzjonijiet li fiha talbet li l-firda personali ghandha ssir ghal ragunijiet imputabbli lill-attur, kif ukoll permezz ta' kontro-talba. Bl-imsemmija kontro-talba hija talbet li dik il-Qorti tiddikkjara l-firda personali bejn il-kontendenti b'tort unikament ta' l-attur, li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Pier Luigi f'idejn il-konvenuta, kif ukoll li l-attur ikun ikkundannat li jhallasaha dik ir-retta alimentari li l-Qorti ghogobha tifissa. Bhall-attur hija wkoll talbet ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll il-likwidazzjoni taghha u li din ghandha tinqasam f'zewg partijiet. B'zieda ma' dan hija talbet ukoll li dik il-Qorti tapplika l-effetti kontemplati fl-Artikolu 48, 51, 53 tal-Kodici Civili kontra l-attur.

3. Fil-25 ta' Frar 1999, l-attur ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenuta hawn fuq imsemmija. Biha l-attur baqa' jsostni li r-ragunijiet ghas-separazzjoni personali huma kollha imputabbli lill-konvenuta.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza b'sentenza li tat fl-24 ta' Mejju 2001. Id-dispozittiv ta' l-imsemmija sentenza ta' l-ewwel Qorti jaqra hekk:
"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' biss it-talbiet attrici** limitatament ghal dak hawn premess u cioe`:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur

u senjatament li l-attur kien hati verso l-konvenuta ta' sevizzi u eccessi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom impossibli, u inkompatibilita' ta' karattru, u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi Buttigieg f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni, cioe` kull nhar ta' Sibt mill-10.30 a.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar ta' Erbgha bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, u stante li l-mobbli jinsabu gia maqsuma bonarjament bejn il-partijiet, tinsanzjona l-istess qasma tal-istess mobbli kif gie effettivament maghmula bejn il-partijiet, b'dan li kull parti issir proprjetarja esklussiva ta' dawk il-mobbli li llum effettivament tippossjedi, u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkomprendi biss il-fond *"Kodaikanal",* fi Triq il-Korvu, San Gwann, u d-debiti gravanti l-istess fond konsistenti fis-self maghmul bejn il-partijiet mal-Lohombus Corporation jew is-successuri taghha skond kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u l-kostituzzjoni ta' debitu skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 pubblikat minn Nutar Pierre Attard, u peress li l-istess fond ma huwiex komodament divizzibbli ghandu jigi mibjugh in licitazzjoni, u mir-rikavat tal-istess bejgh b'licitazzjoni jithallas l-ewwel id-dejn kollu gravanti l-istess proprjeta' immobbli konsistenti fl-ammont bilancjali dovut bhala self lill-Lohombus Corporation jew *avendi causa* taghha naxxenti mill-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 (Dok. CB3 - fol.131) u wkoll l-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) dovut mill-istess kontendenti skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u r-rimanenti ammont rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi maqsum bejn z-zewg partijiet nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu nofs tal-ammont rimanenti tal-prezz wara li jigu skontati d-debiti fuq indikati gravanti l-istess fond, u ghall-iskop ta' stima tal-istess immobbli tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirredigi stima tal-istess proprjeta' immobbli tal-kontendenti.

4. Tinnomina lin-Nutar Hugh Grima biex jircievi l-att opportun tas-separazzjoni.

5. Tinnomina l-kuraturi Dottor Mark Chetcuti sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att pubbliku.

6. Tichad is-sitt (6) talba stante li gia inghata provediment dwar l-istess kemm fit-talbiet attrici *supra,* kif ukoll fit-talbiet tal-kontro-talba tal-konvenuta li jsegwu.

Illi ghar-rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta,** ghall-dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur inkwantu inkonsistenti mal-istess, **tilqa' it-talbiet tal-istess konvenuta** fil-kontro-talba taghha biss mill-mod segwenti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u senjatament li l-attur kien hati verso l-konvenuta ta' sevizzi u eccessi b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom mpossibli, u inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri Pier Luigi Buttigieg f'idejn il-konvenuta bid-dritt ghall-attur ghall-hinijiet ta' visitazzjoni, cioe` kull nhar ta' Sibt mill-10.30 a.m. sas-7.00 p.m. u kull nhar ta' Erbgha bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m.

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala alimenti ghall-istess minuri l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) pagabbli kull xahar, kull pagament jithallas mensilment bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett immedjat.

5. Tillikwida l-istess komunjoni, u stante li l-mobbli jinsabu gia maqsuma bonarjament bejn il-partijiet, tinsanzjona l-istess qasma tal-istess mobbli kif giet effettivament

maghmula bejn il-partijiet, b'dan li kull parti issir proprjetarja esklussiva ta' dawk il-mobbli li llum effettivament tippossjedi, u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkomprendi biss il-fond *"Kodaikanal",* fi Triq il-Korvu, San Gwann, u d-debiti gravanti l-istess fond konsistenti fis-self maghmul bejn il-partijiet mal-Lohombus Corporation jew is-successuri taghha skond kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u l-kostituzzjoni ta' debitu skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 pubblikat minn Nutar Pierre Attard, u peress li l-istess fond ma huwiex komodament divizzibbli ghandu jigi mibjugh in licitazzjoni, u mir-rikavat tal-istess bejgh b'licitazzjoni jithallas l-ewwel id-dejn kollu gravanti l-istess proprjeta' immobbli konsistenti fl-ammont bilancjali dovut bhala self lill-Lohombus Corporation jew avendi causa taghha naxxenti mill-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Ottubru 1989 (Dok. CB3 - fol.131) u wkoll l-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltija (Lm15,000) dovut mill-istess kontendenti skond kuntratt pubbliku datat 12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, u r-rimanenti ammont rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi maqsum bejn z-zewg partijiet nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu nofs tal-ammont rimanenti tal-prezz wara li jigu skontati d-debiti fuq indikati gravanti l-istess fond, u ghall-iskop ta' stima tal-istess immobbli tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirredigi stima tal-istess proprjeta' immobbli tal-kontendenti.

6. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kemm ghac-citazzjoni attrici u ghall-kontro-talba tal-konvenuta, kwantu ghall-zewg terzi (2/3) mill-attur u kwantu ghall-terz (1/3) mill-konvenuta, inkluz dawk tal-perit tekniku nominat b'din is-sentenza."

5. Kopja tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Mejju 2001 qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Dan qieghed isir billi dik is-sentenza fiha riprodotti testwalment l-atti li ssemmew fl-ewwel erba' paragrafi ta' l-odjerna

sentenza, kif ukoll rijassunt tal-provi li ressqu l-kontendenti bl-apprezzament li ghamlet dik l-Onorabbli Qorti dwarhom kif ukoll l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex taqta' il-kawza skond id-dispozittiv li gie indikat fil-paragrafu immedjatament precedenti.

**II L-APPELL**

6. Il-konventa hassitha aggravata mill-imsemmija sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk, hija appellat minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2001. L-appellanti spjegat fir-rikors taghha ta' l-appell illi l-aggravji taghha kienu kkoncernaw il-mod kif l-ewwel Qorti illikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti, il-mod kif dik il-Qorti iddisponiet mit-talba taghha dwar l-applikazzjoni ta' l-affetti ta' l-Artokolu 48 tal-Kodici Civili, kif ukoll ikkritikat is-sentenza appellata fejn gie nominat nutar u kuratur.

7. L-appellanti ghalhekk talbet lil din il-Qorti li joghgobha: ".....tirriforma s-sentenza moghtija fl-24 ta' Mejju 2001 billi tikkonfermaha inkwantu pronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri Pier Luigi Buttigieg lill-konvenuta b'access favur l-attur kif indikat fis-sentenza, u ordnat il-hlas ta' Lm80.00 bhala manteniment ghat-tifel minuri, u tirriformaha in kwantu ghandha tichad ir-raba', hames u sitt talbiet ta' l-attur, tilqa' s-sitt talba tal-konvenuta fil-kontro talba taghha, u tvarja l-likwidazzjoni tal-komunhoni ta' l-akkwisti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

8. Fir-risposta ta' l-appell tieghu l-appellat ikkontesta dettaljatament il-kontenut tar-rikors ta' l-appellanti u sostna li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u li ghalhekk l-appell kellu jigi respint u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

9. L-appell gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2002. L-appellanti talbet li din il-Qorti tammetiha ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament *ai termini* ta' l-Artikolu 904(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. In sosten ta' din it-talba taghha hija xehdet fl-udjenza

mizmuma minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 2002. Din il-Qorti cahdet din it-talba ta' l-appellanti bi provvediment li nghata fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2002. Madanakollu l-appellanti nghatat il-fakolta` li tipprovdi l-garanzija ghall-ispejjez ta' dan l-appell sa mill-anqas jum qabel id-differiment jekk hija riedet tkompli ssostni l-appell. Effettivament l-appellanti ikkawtelat debitament l-appell taghha biex b'hekk l-appell gie ttrattat mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta' April 2003.

10. Fil-mori ta' l-appell, din il-Qorti giet infurmata li l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet ippronunzjat sentenza fis-26 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Pier Giorgio Buttigieg v. Cheryl Buttigieg li biha dik il-Qorti iddikkjarat li z-zwieg bejn il-kontendenti hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan a tenur ta' l-Att taz-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta skond l-Artikolu 19(1) (d) (f). Sussegwentement l-appellat talab li in vista ta' din is-sentenza il-penalitajiet ta' l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili qatt ma kellhom japplikaw ghall-kaz. L-appellanti, min-naha taghha, ikkontestat din il-pretensjoni ta' l-appellat meta sostniet li l-annulament taz-zwieg ma kellu l-ebda relevanza ghall-ezercizzju li kellu jsir fl-ispartizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk l-imsemmija dikjarazzjoni ta' l-annulament taz-zwieg ma teskludix l-applikazzjoni ta' l-artikoli tal-ligi msemmija mill-appellat.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

11. Is-sentenza appellata fiha rijassunt korrett tal-provi l-aktar saljenti u l-aktar rilevanti li resqu l-kontendenti f'din il-kawza. Ghalhekk qeghdha issir referenza espressa ghal dan ir-rijassunt tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u din il-Qorti ma tara l-ebda utilita` li terga' tirrepetihom f'din il-parti tas-sentenza odjerna. Madanakollu din il-Qorti sejra taccenna wkoll ghall-aspett fattwali tal-kawza waqt li hija tkun qeghdha tikkonsidra l-aggravji li ressqet l-appellanti ghas-sentenza appellata. Dan ghaliex l-aggravju sostanzjali ta' l-appellanti huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni xi provi prodotti u li hija ma applikatx b'mod gust u ekwu l-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami.

12. L-ewwel kritika li l-appellanti qeghdha taghmel ghas-sentenza appellata hija fis-sens li meta l-ewwel Qorti elenkat l-assi li jiffurmaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti, dik il-Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni dejn ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) li l-kontendenti ghandhom ma’ l-HSBC Bank Malta plc. L-appellanti irrimarkat li dan id-dejn jirrizulta mid-dokument CB 15 li gie prezentat minnha fid-29 ta’ Settembru 2000. Hija spjegat li dan id-dejn kien ittiehed biex il-kontendenti ffinanzjaw l-edukazzjoni tal-minuri Pier Luigi Buttigieg fl-Indja.

13. F’dan l-aggravju l-appellanti qeghda taghmel referenza ghad-dokument esebit minnha bhala Dokument CB 15 li jinsab a fol.154. Mill-fotokopja ta’ dan id-dokument li huwa intestat bhala “*credit agreement*” jirrizulta li l-konjugi Buttigieg kienu talbu lill-HSBC biex tislifhom is-somma ta’ erbat elef Lira Maltija (Lm4,000), liema somma kellha tigi rifuza minnhom b’rati mensili ta’ tlieta u tmenin Lira Maltija (Lm83)-il wahda. L-imsemmi Bank jidher li accetta t-talba tal-konjugi Buttigieg ghaliex l-imsemmi dokument jikkontjeni l-firem ta’ rapprezentant jew rapprezentanti li accettaw “*to grant the above facilities under the conditions specified above*”. Ma jistax ma jigix rimarkat li jekk id-dejn rapprezentat f’dan id-dokument CB 15 zgicca ghall-atenzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti, certament dan kien tort ta’ l-appellanti stess. Dan minhabba diversi ragunijiet, fosthom dan id-dokument ma fih l-ebda data u huwa sempliciment kopja fotostatika li ma gietx legalizzata jew awtentikata. Din il-Qorti annalizzat il-provi u jidher li hadd mill-konjugi Buttigieg ma xehed <u>specifikament</u> dwar dan id-dokument CB 15 u d-dejn li jirrapprezenta. Lanqas fl-affidavit ta’ l-appellanti a fol. 75 *et sequitur* tal-process m’hemm referenza specifika ghal dan id-dejn. Din il-mankanza tidher aktar lampanti minhabba l-fatt li l-appellanti xehdet dwar id-dokument CB 5 a fol. 140 tal-process fejn l-appellanti qalet hekk a fol. 79:
“..... *In 1997 plaintiff tried to take a bank loan without my knowledge. When the bank sent me papers to sign I refused. I went to speak to the manager and I learnt that*

*he lied – he said he needed the loan as one of my children required to go abroad.*"

Jidher car li l-appellanti qatt ma ntrabtet b'dan id-dejn li l-appellat kien qieghed jipprova jaghmel fl-ammont ta' seba' mija u sittin Lira Maltin (Lm760) *tramite* l-Bank of Valletta Limited.

14. Din il-Qorti osservat li meta l-appellat intavola ir-risposta ta' l-appell tieghu, ghalkemm huwa ikkontesta diversi allegazzjonijiet ohra mressqa mill-appellanti fir-rikors li intavola l-appell odjern, huwa naqas li jressaq 'il quddiem kummenti dwar dan l-aggravju ta' l-appellanti. L-appellat lanqas biss ikkontesta l-korrettezza u/jew l-awtenticita` tad-Dokument imsemmi CB 15. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm l-appellanti ikkuntentat ruhha li tipproduci provi verament skarni dwar dan id-dejn ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000), jekk verament dan id-dejn ezista (kif x'aktarx jidher li huwa l-kaz) allura dan id-dejn, kollu kemm hu jew il-bilanc pendenti, ghandu jithallas, u allura dan il-bilanc huwa dejn li jaggrava fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. Konsegwentement dana l-aggravju ta' l-appellanti hemm lok li jintlaqa'.

15. Kritika ohra li l-appellanti ghamlet fil-konfront tas-sentenza appellata tikkonsisti fl-allegazzjoni li d-dar matrimonjali "Kodaikanal" Triq il-Korvu, San Gwann, setghet tigi akkwistata b'fondi parafernali ta' l-appellanti stess. Hija tispjega dan l-aggravju hekk:
"Illi jirrizulta ampjament mill-provi li l-kontendenti setghu jakkwistaw id-dar matrimonjali u l-effetti mobbli li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, bil-hidma tal-konvenuta u minn fondi parafernali taghha. Dan ifisser li l-konvenuta kellha kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan il-fattur ukoll gie injorat mill-ewwel Qorti u ma ttehditx in konsiderazzjoni meta giet illikwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti".

Jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-imsemmi fond, cioe` d-dokument CB3 a fol. 131 tal-process li huwa kuntratt pubblikat fis-26 ta' Ottubru 1999 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku

f'Malta Dottor Pierre Attard, li din id-dar matrimonjali nxtrat flimkien ma' xi mobilja li kienu fiha ghall-prezz komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000). Ghalkemm fuq il-kuntratt deher biss l-appellat, m'hemm l-ebda dubju li dan il-fond jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Buttigieg. Minn ezami ta' dan il-kuntratt jirrizulta li l-kompratur hallas tnax-il elf u tlett mitt Lira Maltin (Lm12,300) lill-venditur qabel il-publikazzjoni tal-kuntratt imsemmi. Jirrizulta wkoll li fuq l-istess kuntratt il-kompratur ottjena self minghand il-Lohombus Corporation Limited fl-ammont ta' ghaxart elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm10,700), biex b'hekk il-venditur thallas il-prezz komplessiv tal-kont u cioe` tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000). Hawnhekk trid issir referenza ghall-kuntratt pubblikat min-Nutar Dottor Pierre Attard fit-12 ta' Marzu 1993, li kopja tieghu tinsab esebita fol. 138 tal-process. B'dan l-att il-konjugi Buttigieg ikkostitwew ruhhom debituri fis-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) favur it-tlett ulied ta' l-appellanti mill-ewwel zwieg taghha. Gie dikjarat ukoll li dan id-dejn kien cert, likwidu u dovut u l-konjugi Buttigieg obbligaw ruhhom li jirrestitwixxu dan id-dejn fi zmien hames (5) snin mill-att, minghajr imghax. Minn ezami ta' l-istess kuntratt jirrizulta li l-konjugi Buttigieg irrikonoxxew li l-imsemmija somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) kienet intirtet mill-imsemmija ulied ta' l-appellanti, u cioe` mis-successjoni tal-mejjet missierhom. Il-konjugi Buttigieg irrikonoxxew ukoll li din is-somma giet utilizzata sabiex l-appellat seta' jixtri l-imsemmi fond li kellu jintuza bhala d-dar matrimonjali taghhom.

16. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa' ghaliex il-provi li ghadhom kemm issemmew ma jsostnux il-pretensjoni ta' l-appellanti. Fil-fatt jirrizulta li jekk l-ahhar imsemmija somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) tinghadd mas-self ta' l-ghaxart elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm10,700) li gie misluf mil-Lohombus Corporation Limited, wiehed ikollu total ta' hamsa u ghoxrin elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm25,700). Din ic-cifra hija elfejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm2,700) aktar mill-prezz imhallas fuq l-att ta' akkwist in kwistjoni. Dan ifisser li ma kien hemm l-

ebda bzonn ta’ kontribuzzjoni da parti ta’ l-assi parafernali ta’ l-appellanti biex id-dar matrimonjali tinxtara.

17. L-appellanti ressqet aggravju iehor li bih ikkritikat l-ewwel Onorabbli Qorti. Hija allegat li dik il-Qorti ma applikatx b’mod gust u ekwu l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili. L-appellanti tispjega dan l-aggravju taghha testwalment hekk:
“Illi l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjoni taghha dwar l-applikazzjoni ta’ l-effetti ta’ l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap. 16 qalet biss li ma hemmx l-estremi li jiggustifikaw l-applikazzjoni ta’ dawn l-artikoli hlief li l-kontendenti ghandhom jitilfu, reciprokament, id-drittijiet successorji.

Illi jekk hemm kaz fejn ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta’ dawn l-artikoli partikolarment dawk ta’ l-Artikolu 48(1)(c) fil-konfront ta’ l-attur u favur il-konvenuta huwa proprju l-kaz in ezami.

Illi jirrizulta ampjament mill-provi, u anke accettat bhala fatt mill-ewwel Qorti, li l-attur kien bniedem instabbli, li ma kienx imantni l-familja tieghu, li ma kienx kapaci jzomm imjieg ghall-zmien twil, li kien jinjora d-digrieti mghotija mis-Sekond Awla ghal dak li jirrigwarda manteniment, u li ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghall-akkwist ta’ l-assi formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwist.

Illi, kif ampjament pruvat tas-sodisfazzjoni ta’ l-ewwel Qorti l-pagamenti mensili lill-Lohombus Corporation (illum HSBC Home Loans Malta Ltd.) kienu qed jithallsu mill-manteniment tat-tifel minuri. Dan ifisser li l-pagamenti mensili ghall-hlas tad-debitu relatat ma’ l-akkwist tad-dar matrimonjali kienu qed jithallsu mill-koonvenuta, bil-hidma taghha u bis-sagrificcji kbar li kellha taghmel.

Illi jirrizulta ampjament pruvat ukoll li d-dar matrimonjali giet akkwistata permezz ta’ l-uzu ta’ fondi parafernali tal-konvenuta.

Illi zgur li dawn il-fatti jikkostitwixxi l-estremi rikjesti biex jigu applikati almenu l-effetti ta’ l-Artikolu 48(1)(c) tal-Kap. 16 fil-konfront ta’ l-attur b’mod li d-dar matrimonjali tigi

assenjata in toto lill-konvenuta. B'hekk ikun qed jigi saldat ukoll il-kreditu li hi ghandha kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti u li giex ikkunsidrat fil-listi ta' assi li tifforma l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti."

18. Din il-verzjoni tal-fatti hija kontestata mill-appellat li stqarr hekk fir-risposta ta' l-appell tieghu:
"Illi li mhuwiex minnu kif issostni l-attrici li l-konvenut appellat ma kienx jahdem meta kien l-Indja biex imantni lilha u lil uliedha ghax fil-fatt huwa kien dejjem impjegat ma' Kodaikanal International School f'Madurai District, Indja.

Illi meta gew Malta huwa impjega ruhu ma' Verdala International School, Carmel Cllege u sussegwentement ha impieg mal-Gvern ta' Malta fejn gie impjegat bhala ghalliem f'Upper Luceum, G.F.Abela, Msida fejn sussegwentewment gie ttrasferit ghal Junior Lyceum, Korradino kif ukoll fl-iskola G. Curmi Higher Secondary, Naxxar.

Illi l-bdil fl-impieg tieghu meta gie Malta sakemm gie impjegat mal-Gvern sar biex jimmeljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu u tal-familja.

Illi huwa dejjem ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-familja u kif jirrizulta mid-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili huwa kellu johrog manteniment ta' Lm100 fix-xahar li minnhom kellu jhallas Lm80 lil HSBC Home Loans Malta Limited u d-differenza lil martu ghal ibnu Pier Luigi.

Illi huwa dejjem mantna lil martu u lil uliedu kollha sia dawk li twieldu mill-ewwel zwieg ta' martu kif ukoll ibnu mit-tieni zwieg. Peress illi kien hemm sitt ihluq, martu kienet tahdem ukoll peress li t-tfal kollha kienu minorenni u ghalhekk huwa mhux obbligat jaghti manteniment ghal martu peress li hija tahdem u llum it-tfal mill-ewwel zwieg huma maggorenni u jahdmu...

... Illi altro che mill-allegazzjoni ta' l-appellanta illi l-appellat ma hadimx sia meta kien Malta u sia meta kien l-Indja ghax dan kien kontradett mill-fatti kif fuq spjegati.

Illi huwa tant ma jrid xejn ta' dak li huwa wlied martu mill-ewwel zwieg illi biex ikun hemm l-iktar protezzjoni ampja tal-flus li huma selfu lilu u lil martu dawn gew iskritti b'ipoteka specjali u privilegg specjali kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' self tat-12 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard.

Illi l-pretensjoni ta' martu li ghandu jinkolmi l-effetti ta' l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap XVI huma mhux biss ingustifikati imma wkoll abbusivi min-naha taghha stante li hija trid terga' tabbuza mill-fragilita` ta' l-appellat u issa wara li kissritlu familja, tiblaghlu sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti dovut lilu."

19. Fi ftit kliem, l-appellanti tpingi lill-appellat bhala persuna li ha vantagg minnha u nqeda bil-gid parafernali taghha li hija kienet wirtet minn wara l-mewt ta' l-ewwel ragel taghha. Min-naha l-ohra l-appellat ipingli lil martu bhala li kellha pjan pervers meta zzewgitu u cioe`, iz-zwieg taghhom sar ghaliex hija riedet tohrog flimkien ma' wlieda ta' l-ewwel zwieg mill-Indja biex huma jiehdu c-cittadinanza Maltija ghaliex ippretendiet li hawn Malta wliedha kien ikollhom futur ahjar. L-appellat isostni li malli t-tir taghha gie fis-sehh, li hija u wliedha jkollhom ic-cittadinanza Maltija beda l-inkwiet serju familjari bejniethom tant li l-appellat kellu jitlaq minn daru biex tigi ripristinata ftit paci fl-interess tal-membri kollha tal-familja.

20. Din l-istampa tohrog ukoll mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet Pier Giorgio Buttigieg v. Cheryl Buttigieg Citazzjoni Numru 1112/2001 RCP. Bis-sahha ta' din is-sentenza iz-zwieg bejn il-partijiet li kien sar fil-15 ta' Frar 1985 fl-Indja, liema zwieg gie anke sussegwentement registrat Malta, gie dikjarat null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d)(f) ta' l-Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-ligijiet ta' Malta). F'dik is-sentenza *inter alia* jinghad hekk:

"Illi jidher car li dak li effetwa lill-attur fid-decizjoni tieghu kien li huwa jibda hajja kompletament gdida mal-konvenuta f'mument li kien ghadu kif hareg minn decizjoni

iebsa f'hajtu, mentri l-istess gara ghall-konvenuta, fis-sens li rragunat li l-prezenza ta' l-attur f'hajjitha setghet tghina sabiex trabbi lil uliedha; il-possibilita` li tali zwieg iwassal lilha u lil uliedha li jiehdu cittadinanza Maltija, jidher li wkoll affettwat lill-konvenuta sabiex tiehu din id-decizjoni ghalkemm izzewget lill-attur mhux ghalhekk biss izda ghar-raguni l-ohra ukoll fuq indikata."

21. Mill-provi akkwiziti fil-process odjern jirrizulta car li l-appellanti verament tat il-kontribut taghha biex taqdi l-bzonnijiet tal-familja, anki bil-hidma taghha barra mid-dar. Madankollu l-provi juru wkoll li l-appellat ghamel il-parti tieghu ukoll f'dan is-sens, ghalkemm huwa sab xi tfixkil minhabba l-kundizzjoni mentali ta' sahtu kif ukoll id-dizgwid li nqala' bejn il-kontendenti. Fl-isfond tal-provi kollha migbura, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx skorretta meta ddikjarat li ma kienx hemm l-estremi li jiggustikaw l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili, hlief li applikat biss dak li inghad fl-Artikolu 48(1)(a) u cioe` li l-partijiet jitilfu d-drittijiet successorji taghhom rispettanti ghal xulxin. Mhux hekk biss, talli din il-Qorti jidhrilha wkoll li din kienet <u>l-unika</u> konkluzjoni gusta u ekwa li l-Qorti setghet tasal a bazi tal-provi akkwiziti fil-process. Ghalhekk anke dan l-aggravju ta' l-appellanti m'hemmx lok li jintlaqa'.

22. L-ahhar aggravju ta' l-appellanti huwa dirett ghal dik il-parti tad-dispozittiv tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet ir-raba' u l-hames talba kontenuti fl-att tac-citazzjoni ta' l-attur. In fatti fis-sentenza appellata saret in-nomina tan-Nutar Hugh Grima "biex jircievi l-att opportun tas-separazzjoni", kif ukoll saret in-nomina ta' Dottor Mark Chetcuti bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att pubbliku msemmi. L-appellanti sostniet fir-rikors ta' l-appelll taghha li dawn in-nomini kienu irritwali stante li fi proceduri kontenzjuzi, is-separazzjoni bil-kundizzjonijiet kollha li ghandhom jirregolaw il-partijiet ghandha tigi pronunzjata mill-Qorti fis-sentenza u ghalhekk m'hemm l-ebda htiega li ssir pubblikazzjoni ta' att notarili.

23. Ir-risposta ta' l-appellat ma tikkontjeni l-ebda kumment dwar dan l-aggravju ta' l-appellanti. M'hemm l-ebda dubju li dan l-aggravju ta' l-appellanti huwa gustifikat. In fatti huwa risaput li s-separazzjoni personali ssehh jew bis-setgha ta' sentenza tal-Qorti jew inkella bil-kunsens tat-tnejn b'att pubbliku. M'hemm l-ebda dubju wkoll li s-sentenza li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi kif ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jikkostwixxu titolu ezekuttiv. In fatti l-Artikolu 62 a tal-Kodici Civili jiddisponi li biex tali sentenza jew kuntratt ikollhom effett kontra terzi jkun jehtieg li ssir ir-registrazzjoni taghhom debitament fir-Registru Pubbliku.

24. Minn dak kollu li inghad qabel jirrizulta car li l-vera kwistjoni principali pendenti bejn il-partijiet tikkoncerna l-likwidazzjoni u l-ispartazzjoni tal-gid li jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. In fatti, kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, m'hemmx flus il-Bank, il-mobbli diga` inqassmu bonarjament bejn il-partijiet, u l-unika proprjeta` li hemm hija d-dar matrimonjali. Sfortunatament il-partijiet, x'aktarx kienu xi ftit jew wisq moghmija b'sens ta' pika u b'reghba zejda kif ukoll b'nuqqas ta' bona volonta` u b'hekk ma rnexxielhomx isibu tarf ta' din il-problema u jilhqu ftehim bonarju dwar din id-dar matrimonjali. Billi din id-dar irrizulta li m'hijiex komodament divizibbli, l-unika triq li baqghet miftuha lil din il-Qorti hija l-istess triq li giet accennata fis-sentenza appellata. Ghalhekk din id-dar ghandha tinbiegh b'licitazzjoni u wara li jithallsu d-djun kollha riferiti fis-sentenza appellata kif ukoll kwalunkwe bilanc mis-self ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) accennat fil-paragrafi 13 u 14 ta' din is-sentenza ir-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

25. Ghandu jigi senjalat li fil-mori ta' l-appell it-tifel tal-kontendenti Pier Luigi Buttigieg, li twieled fl-4 ta' Marzu 1986, sar maggorenni billi ghalaq id-dsatax-il sena. Ghalhekk m'ghadx hemm aktar lok li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar it-tieni talba ta' l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni dwar it-tieni u t-tielet talba kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenuta.

26. Avveniment iehor li gara fil-mori tal-kawza u li wkoll ghandu jaffettwa l-operat ta’ din il-Qorti f’din is-sentenza huwa l-fatt li z-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null. Infatti, dan l-annullament sehh bis-sahha tas-sentenza msemmija fil-paragrafu 20 *supra* li nghatat fis-26 ta’ Gunju, 2003. B’hekk illum m’hemmx aktar zwieg bejn il-kontendenti u allura m’hemmx aktar lok li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, kif mitluba fl-ewwel talbiet rispettivi tal-partijiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni u fil-kontro-talba.

27. Ghal dawn il-motivi, u fis-sens premess, tilqa’ *in parte* l-appell u taqta’ l-kawza billi tipprovdi hekk:
1. tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel talba ta’ l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni, u dwar l-ewwel talba tal-konvenuta kontenuta fil-kontro-talba taghha, u dan peress li b’sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2003, fil-kawza fl-ismijiet Pier Gieorgio Buttigieg v. Cheryl Buttigieg, iz-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
2. tastjeni milli tipprovdi dwar it-tieni talba ta’ l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni u dwar it-tieni u t-tielet talba tal-konvenuta kontenuta fil-kontro-talba taghha u dan peress li t-tifel Pier Luigi Buttigieg illum ghandu dsatax-il sena u ghalhekk m’ghadux minorenni.
3. tichad ir-raba’ u l-hames talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni ta’ l-attur;
4. b’referenza ghat-tielet talba ta’ l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni u ghar-raba’ u l-hames talba tal-konvenuta kontenuta fil-kontro-talba taghha, tikkonferma l-provvediment li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni u l-ispartizzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ezattament kif jidher fil-paragrafu 3 tad-dispositiv tas-sentenza appellata fil-konfront tat-talbiet attrici kif ukoll fil-paragrafi 4 u 5 tad-dispositiv tas-sentenza appellata fil-konfront tal-kontro-talba tal-konvenuta. Madankollu fil-passiv tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandu jidhol ukoll kwalunkwe ammont bilancjali li jista’ ghadu dovut lill-HSBC Bank Malta plc skond il-ftehim ta’ self ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) rizultanti mid-dokument CB 15 a fol. 154 tal-process;

5. tilqa' is-sitt talba ta' l-attur kontenuta fl-att tac-citazzjoni u s-sitt talba tal-konvenuta kontenuta fil-kontro-talba taghha biss u limitatament fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg kontendenti d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48(1)(a) tal-Kodici Civili;
6. fl-ahharnett tordna li l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell jigu sopportati bejn il-kontendenti hekk:
a) dawk kollha konnessi mar-raba' u l-hames talba ta' l-attur kontenuti fl-att tac-citazzjoni ghandhom jithallsu kollha kemm huma mill-attur appellat;
b) l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur appellat u in kwantu ghar-rimanenti terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuta appellanti;
7. u fis-sens premess tirriforma s-sentenza appellata.

Deputat Registratur
df

**<u>Appendici</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-24 ta' Mejju 2001 qeghdha tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------